# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 16**

**Rikors kostituzzjonali numru 29/2019 TA**

**Alfred Degiorgio**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tat-28 ta' Frar 2019 l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2019 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet talba tiegħu biex issib ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur kien fetaħ kawża[1] b'rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitlob rimedju għal dak li jqis bħala ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali bil-ħatra tal-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ["il-Qorti tal-Maġistrati"].

3. Fl-istess ħin l-attur b'rikors ieħor quddiem l-istess qorti talab illi jingħata rimedju interlokutorju fis-sens illi l-ħatra tal-Avukat Bajada tiġi sospiża u ma jitħalliex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalkemm kienet intlaqgħet provviżorjament, din it-talba ġiet miċħuda mill-Prim'Awla b'dikriet tas-7 ta' Jannar 2019. L-attur ressaq appell minn dak id-dikriet quddiem din il-qorti li, iżda, bi provvediment mogħti llum stess, iddikjarat l-appell null.

4. Waqt li miexja l-kawża kostituzzjonali (u waqt li kien miexi wkoll l-episodju dwar ir-rimedju interlokutorju li naqata' llum), l-Avukat Bajada ssejjaħ biex jixhed fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-attur oppona għall-produzzjoni tal-Avukat Bajada bħala xhud iżda b'dikriet tat-22 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet l-oppożizzjoni tal-attur. Dak id-dikriet *inter alia* jgħid hekk:

> »… … … din il-qorti … tenfasizza l-punt illi l-funzjoni tagħha f'dawn il-proċeduri hija strettament fuq ġbir ta' provi u bl-ebda mod ma hija ser tiddetermina xi ħtija jew tagħti xi piena. … … …
>
> »… … …

[1] Rik. Kost. 29/2018.

»Illi mingħajr ma tidħol fid-diskrezzjoni tal-onorabbli Qorti Kostituzzjonali, … … … d-decizjoni ta' din il-qorti [hija] illi tkompli bil-ġbir tal-kumpilazzjoni billi tisma' x-xhieda kollha li titlob il-prosekuzzjoni (salv dawk l-eċċezzjonijiet li tagħtiha l-liġi) inkluż dik tal-espert Dr Martin Bajada.«

5. Billi deherlu li dan sar bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

»(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»(ii) tiddikjara u tiddeċiedi b'mod partikolari iżda mhux limitatament illi l-fatt illi l-ġbir tal-provi mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jgħid l-intimat u dik il-qorti jidher illi għandha idejja [*recte*, idejha] marbutin minn dak illi jiddettalha l-imsemmi intimat u ma għandhiex diskrezzjoni fir-rigward kif hawn fuq premess jikser id-dritt fundamentali tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»(iii) tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment b'mod partikolari iżda mhux limitatament illi d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar, 2019 x'aktarx jikser, jikser u x'aktarx ser ikompli jikser id-dritt fundamentali tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għar-raġunijiet spjegati f'dan ir-rikors u illi ser jirriżultaw ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

»(iv) konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.«

6. Bis-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Fis-smiegħ quddiem il-qorti tal-lum stess, ir-rikorrent ħass li kellu jillimita l-aggravji tiegħu bis-segwenti verbal:-

> »"*In vista* tal-oġġezzjoni li qed iqajjem l-Avukat Ġenerali fuq kif sar l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent fir-rigward tal-Qorti Istruttorja u l-mod kif taħdem, ir-rikorrent Alfred Degiorgio ma għandux għażla ħlief li jirtira l-ilment kostituzzjonali tiegħu f'dan ir-rigward u fir-rigward ta' paragrafu numru tmienja tat-tieni pagna tar-rikors tiegħu[2] u jħallih ferm, sħiħ u impreġudikat biss għal dik il-parti tar-rikors fejn huwa qiegħed jgħid u jsostni illi ser jiġi leż jew x'aktarx ser jiġi leż il-jedd ta' smiegh xieraq tiegħu jekk il-Qorti Istruttorja tisma' x-xiehda tal-Avukat Martin Bajada waqt illi għad hemm il-proċeduri 29/18/1/SM pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fost affarijiet oħra għaliex ir-rikorrenti jsostni illi d-digriet provviżorju għadu *in vigore* u għaliex ser jiġi deprivat mill-jedd tad-*doppio esame*."

»Għalhekk kwantu għall-aggravji l-konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti jirrigwardaw biss dak l-aggravju kontenut fl-ewwel paragrafu f'paġna 3 tar-rikors odjern[3].

»Il-punt li jrid jiġi deċiż huwa wieħed: jekk bid-digriet tat-22 ta' Frar, 2019 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* George Degiorgio *et*</u> (aktar 'il quddiem il-Qorti tal-Maġistrati) jilledix id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa b'artiklu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) rispettivament.

»Abbażi tal-verbal li sar illum stess, din il-qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Alfred Degiorgio *v.* l-Avukat Ġenerali *et*</u>, rikors numru 28/2018/1/SM. F'dan l-appell ir-rikorrent qiegħed jitlob li dik il-qorti tilqa' t-talbiet tiegħu, fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tiegħu u tagħti *interim measure*. Issa bir-rikors odjern ir-rikorrent qiegħed jitlob li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tipproċedi skont id-digriet tat-22 ta' Frar 2019 kif fuq spjegat il-"mertu tal-appell pendenti ser ikun eżawrit". Din hija l-qalba ta' dan ir-rikors.

---

2 "Illi *inoltre* d-digriet mogħti mill-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar 2019 huwa leżiv tal-jedd tal-esponenti għal smiegħ xieraq billi dik il-qorti esprimiet ruħha dwar l-għoti ta' *interim measure* meta ċertament ma hijiex il-mansjoni tagħha illi tesprimi ruħha fuq tali proċeduri u semmai messha tat każ l-atti proċesswali esebiti quddiemha mill-esponenti mhux semplicement injorathom bl-iskuża illi hija ma ġietx notifikata bl-ebda ordni."

3 "Illi *inoltre* d-digriet mogħti mill-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar 2019 huwa leżiv tal-jedd fundamentali tal-esponenti għal smiegh xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u x'aktarx ser jiġi jew ser ikompli jiġi leż il-jedd fundamentali tal-esponenti għal smiegħ xieraq billi jekk kemm-il darba l-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ser tipproċedi sabiex tisma' lix-xiehda tal-Avukat Martin Bajada hija ser tkun qiegħda tippreġudika l-jeddijiet tal-esponenti illi l-appell ippreżentat minnu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u hawn fuq imsemmi fl-atti tar-rikors bin-numru: 29/2018/1/SM fl-ismijiet <u>Alfred Degiorgio *v.* l-Avukat Ġenerali *et*</u> ser jiġi ippreġudikat u dana billi appena l-norabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tgħaddi biex tisma' l-merti tal-imsemmi xhud, il-mertu tal-appell pendenti ser ikun ġie eżawrit:"

»*Ai fini* tal-vertenza li għandha quddiemha, din il-qorti tagħmel differenza bejn żewġ xorta ta' digrieti. Dawk li ġaladarba jingħataw ma hemmx *retromarcia* u allura l-effetti tagħhom ikunu irriversibbli, anke jekk jirriżulta li ma kinux digrieti skont il-ligi. Imbagħad hemm digrieti oħrajn li l-effetti tagħhom huma riversibbli. Huma biss tal-ewwel xorta li jistgħu jippreġudikaw il-pretensjoni sostanzjali ta' dak li jkun għaliex il-konsegwenzi ma jkunux jistgħu jittreġġgħu lura. Ir-rikorrent bl-argumenti tiegħu qiegħed jinsisti li jekk l-imsemmi Martin Bajjada jitħalla jixhed, b'konsegwenza tad-digriet tat-22 ta' Frar 2019, l-effetti fuq l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ser ikunu irriversibbli, għaliex bis-saħħa t'hekk il-mertu ser ikun eżawrit. Il-qorti qiegħda appositament tuża l-istess kliem utilizzat mir-rikorrent fl-aggravju fuq imsemmi. Il-qorti fehmet ukoll li, bhala konsegwenza, ir-rikorrent ser ikun qiegħed jitlef il-beneficcju tad-"*doppio esame*" għaliex l-appell ser jibqa' haj fit-tejorija biss.

»Il-qorti hija tal-fehma li d-digriet fuq imsemmi ma hux ser iġib miegħu effetti irreversibbli fis-sens għaliex il-mertu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mhux ser ikun preġudikat sal-punt li l-Qorti Kostituzzjonali ser tħossha li għandha idejha marbutin u ma jkollha ebda triq oħra għajr dik li tiċħadlu l-appell. Dik il-qorti xorta ser ikollha s-setgħa li tifli l-lanjanzi tal-appellant f'dak il-każ, indipendentement mill-fatt jekk il-Qorti tal-Maġistrati tħallix jew le lill-imsemmi Martin Bajada jixhed.

»Di fatti dan huwa konfortat minn żvillupp li seħħ fil-mori ta' dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Żvillupp li ser inevitabbilment jinċidi fuq l-esitu ta' din il-kawża. F'dan ir-rigward issir referenza għall-fatt li, fl-istess ġurnata li gew preżentati l-proceduri odjerni, ġew preżentati oħrajn fl-atti tal-appell kostituzzjonali fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob rimedju, għalkemm mhux simili għal dawk li għandha quddiemha din il-qorti, xorta però biex jilħaq l-istess tragward u oġġettiv u *cioè* dak li ma jixhidtx l-espert Dr Martin Bajjada quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

»F'dan l-istadju jrid jingħad li minimu li seta' għamel ir-rikorrent kien li jgħarraf lil din il-qorti bil-proċeduri institwiti kontemporanjament fl-aħjar interess tal-partijiet u għal ragunijiet li huma ovvji. Iżda tajjeb jew ħażin dawk il-proċeduri saru u ngħata digriet fis-27 ta' Frar 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn fost oħrajn esprimiet li l-preġudizzju li kien qiegħed jilmenta minnu "jista' jiġi rimedjat". Dan jindika l-irriversibiltà [*recte*, ir-riversibilità (?)] tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali xorta ser tkun qed tikkunsidra l-ilment minkejja d-digriet imsemmi u jekk issib li l-ilment huwa fondat, imbagħad tassew ikun hemm effetti iżda mhux għad-detriment tar-rikorrent, mingħajr ma hemm bżonn li din il-qorti tidħol fl-ispecifiku u tamplifika dwar l-effetti ta' deċizjoni bħal din fuq il-proċeduri kriminali inkwantu jirrigwarda lill-prosekuzzjoni.

»Fil-fatt għamel sewwa ir-rikorrent li ppreżenta r-rikors tiegħu tas-26 ta' Frar 2019 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, għaliex, sakemm għadu pendenti dak l-appell, huwa f'dak is-sede li jrid ifittex ir-rimedju kwantu jirrigwarda l-ilment tiegħu dwar id-digriet inkwistjoni. Fil-fatt, kieku ntlaqgħet it-tielet talba f'dak ir-rikors, il-mertu dawn il-proċeduri kienu jkunu f'kull sens eżawriti fl-intier tagħhom. Iżda ma jfissirx li għaliex ma ottjeniex dak li ried minn dik il-qorti ma għadx fadallu għad-dis-posizzjoni tiegħu rimedju effettiv quddiem dik il-qorti. Fil-fatt meta r-rikorrent għażel li jerġa' jmur quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba

d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati inkwistjoni, huwa stess qiegħed jagħraf li għad għandu quddiemu rimedju skont il-liġi. Issa jekk dak li ipprovdiet għalih dik il-qorti kienx wieħed li ma ntgħoġobx minnu hija kwistjoni oħra.

»Il-*proviso* 46(2) jiddisponi li l-qorti, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżercita s-setgħat tagħha skont dan f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra. Il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi *proviso* konsimili f'artiklu 4(2).

»Fil-każ li għandha quddiemha din il-qorti dan ir-rimedju ordinarju mhux biss huwa disponibbli, iżda huwa attwali, bl-istess Qorti Kostituzzjonali qed tiggarantixxi li jekk jiġri dak li qiegħed jilmenta r-rikorrent ikun jista' jiġi rimedjat minnha. Fi ftit kliem il-potenzjal tar-rimedju effettiv għadu jesisti fl-istess proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnha fis-16 ta' Jannar 2006 fil-kawża <u>Olena Tretyak *v.* Direttur taċ-!ittadinanza u *Expatriates Affairs*</u>. Biex l-ewwel qorti tiddeklina milli teżercita s-setgħat kostituzzjonali tagħha jrid ikun hemm rimedju li toffri l-liġi li jkun wieħed prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat u li jindirizza l-ilment tal-persuna lanjanti. Dan ir-rimedju għadu eżistenti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Jekk irid li jiġu spediti l-proċeduri r-rikorrent għandu rimedji oħrajn disponibbli għalih, bħal, per eżempju, jitlob l-urġenza tas-smiegħ quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn għad hemm pendenti l-proċeduri fuq imsemmija.

»Għaldaqstant din il-qorti, fid-dawl tar-raġunijiet miġjuba hawn fuq, qiegħda *ai termini* tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tiddeklina milli teżercita s-setgħat kostituzzjonali tagħha fid-dawl li r-rikorrent għad għandu rimedji oħra li huma xierqa u adegwati skont il-liġi u għalhekk qed tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern.

»Spejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tar-rikorrent salv għal dawk tal-intervenuti fil-proċeduri.«

7. L-attur appella b'rikors tal-11 ta' Marzu 2019 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-22 ta' Marzu 2019 u l-intervenuti fil-kawża wieġbu fil-25 ta' Marzu 2019.

8. L-attur fisser l-aggravji tiegħu fil-qosor hekk:

»• l-ewwel onorabbli qorti żbaljat meta iddeklinat milli teżercita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha billi fil-każ odjern dak dispost mill-*provisos* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjonali ta' Malta u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax;

»• l-ewwel onorabbli qorti żbaljat meta iddeklinat milli teżercita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha billi fil-każ odjern *in ogni* każ ma jeżisti l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-esponenti.«

9. Effettivament dak li fittex li jikseb l-attur bil-proċeduri tallum huwa li jżomm lill-Qorti tal-Maġistrati milli tisma' x-xiehda ta' Martin Bajada: l-istess ħaġa li fittex li jikseb bit-talba tiegħu għal rimedju interlokutorju fil-kawża kostituzzjonali li fetaħ bir-rikors 29/2018. Tassew illi, kif sewwa josserva l-attur fir-rikors tal-appell, ir-rimedju fil-kawża kostituzzjonali l-oħra ma huwiex rimedju taħt "liġi ordinarja" u għalhekk strettament ma jintlaqatx bil-*proviso* għall-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"].

10. Huwa minnu wkoll illi, għalkemm dak li jrid jikseb l-attur biż-żewġ kawżi kostituzzjonali huwa l-istess – *viz.* li jinżamm milli jixhed Martin Bajada – ir-raġuni minnu mressqa fil-kawża tallum huwa differenti: ir-raġuni hi illi jekk jitħalla jixhed Martin Bajada qabel tingħata d-deċiżjoni dwar ir-rimedju interlokutorju, ir-rimedju interlokoturju, ukoll jekk tintlaqa' t-talba biex jingħata, ikun ingħata għalxejn.

11. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jidhirx illi kien hemm raġuni tajba biż-żejjed biex l-ewwel qorti tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Kap. 319.

12. Minkejja dan, ma huwiex il-każ li din il-qorti tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti biex tisma' l-kawża. Illum li nafu li l-proċeduri dwar it-talba għal rimedju interlokutorju ntemmu u t-talba tal-attur biex jingħata dak ir-rimedju ġiet miċħuda, spiċċa l-presuppost tat-talba tal-attur fil-kawża tallum *viz.* biex ir-rimedju jekk jingħata ma jkunx ingħata għalxejn. Jekk il-qorti tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti tkun qiegħda biss

tissekonda l-aġenda ostruzzjonista ta' min ma jridx iħalli li jimxu b'ħeffa u b'ordni l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata u, fil-meritu, tiċħad it-talbiet tal-attur.

14. Fiċ-ċirkostanzi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Reġistratur
rm